**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 1 ta' Gunju, 2016

**Il- Pulizija**
**(Supt. Ian J. Abdilla)**

**-vs-**

**PHILIP SAID detentur tal-Karta tal- Identità bin-numru 781052M.**

Kumpilazzjoni Nru: 307/2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Philip Said talli:

1. appropja ruħu, billi dawwar bi profit għalih jew għal persuna/i oħra, is-somma ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-dannu ta' Joseph Bonello, Innocenza Bonello, u Antoine Bonello (u dan fuq flus relatati ma' kuntratt ta' donazzjoni bejn il-partijiet hawn imsemmija u datat 29 ta' Diċembru 2013), liema somma ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat; liema delitt ġie magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lilu minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju;

2. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, u ċirkustanzi, fil-kapacità tiegħu ta' uffiċjal jew impjegat pubbliku, dolozament, bi ksur tad-dmirijiet tiegħu, għamel jew naqas li jagħmel

xi att, b'tagħkis jew bi ħsara tal-istess Joseph Bonello, Innocenza Bonello, u Antoine Bonello;

3. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, ċirkustanzi, ikkommetta talli reati, filwaqt li kont uffiċjal jew impjegat pubbliku, b'hekk sar ħati ta' reat li lilu kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu kellu d-dmir li jimpedixxi.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

(i) Fl-artikoli 293, 294 u 310(1)(a), tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(ii) Fl-artikolu 138 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(iii) Fl-artikolu 141 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(iv) Fl-artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat rregistra ammissjoni ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti tatu zmien jirrikonsidra l-istess.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn gew sodisfjacentement ippruvati.

Illi s-somma komplessiva li ghaliha jirreferu l-akkuzi kienet ta' ftit 'il fuq minn erbat elef ewro[1] u ghalhekk l-artiklu li jmissu gie indikat mill-Avukat Generali kellu jkun l-artiklu 310(1)(b) tal-Kap.IX tal-Ligijiet ta' Malta;

---

[1] Fol.16 per Spettur Ian J. Abdilla.

Illi r-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat huma reati serjissimi maghmulin minn persuna li ghandha kariga li solitament tnissel fiducja. Rwol nobbli fejn agir simili xxejen l-fiducja pubblika f'nies li ghandhom jaggixxu bhala tarka tac-cittadin li jkollu jaghmel uzu minn servizzi notarili bit-tama li l-interessi tieghu jigu mharrsa. Ghalhekk meta tali lezzjoni ssir precizament minn persuna li kellha l-obbligu tittutela d-drittijiet u l-patrimonju ta' terzi innocenti, bilfors li tixxaqqaq b'mod irreparabbli l-fiducja fil-professjoni relattiva fejn l-etika aspettata tintrema ghal prezz irrizorju.

Illi inkwantu ghall-piena, din il-Qorti qieghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, il-fedina penali relattivament netta tieghu, l-fatt li l-parte leza kollha llum gew rizarciti mill-imputat.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 31, 138, 141, 293, 294, 310(1)(b), tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal sentejn (2) priguneriја li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qeghdin jigu sospizi ghal erba snin millum.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas tal-esperti billi ma jirrizultax li kien hemm tali hlas involut u kif ukoll tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba ghall-konfiska tal-oggetti esebiti billi ma jirrizultawx li gew esebiti oggetti konfiskabbli skont il-ligi.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**